**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/29*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru 2010 fit-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

**I. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**

**1. Approvazzjoni**

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 28. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

**2. Emendi**

Ghal dawn il-minuti ma tressqux emendi u għalhekk dawn ġew mehuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**III. Materji mill-Minuti**

**1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse**

Il-Bord maħtur biex jisma dan l-appell mis-Sur Mario Bugeja, għadu ma ffissax d-data ta' meta se tinżamm is-seduta li jmiss.
B'hekk tul ix-xhur ta' Awwissu u Settembru ma jkunux inżammu seduti fuq dan il-każ.

**2. Tneħħija tas-Siġar minn Triq il-Fanal**

Il-Perit ghandu jressaq l-applikazzjoni quddiem il-MEPA biex isir dan ix-xogħol. S'issa l-Kunsill għadu ma ngħatax appuntament mill-Perit sabiex titressaq l-applikazzjoni.

**3. Proġett ma' Kumpanija Awstrijaka għall-Enerġija Alternattiva**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien irċieva r-rapport mill-Kumpanija Awstrijaka li hi nteressata ħafna li tinvesti f'enerġija alternattiva f'pajjiżna. Hu qal li dan ir-rapport intbagħat lill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent. Sadanittant dan ir-rapport qed ikun studjat biex jaraw jekk hux sostenibbli. L-istess rapport għandu jkun diskuss waqt il-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex.

**4. Kaxxa għal "Reserved Parking"**

Din il-kaxxa fi Triq il-Muxrabija saret kif kien spjegat mill ADT jiġifieri tkun għal kull min għandu il-"Blue Sticker" li turi li jkun hemm persuna b'diżabilita.

**5. Skart ħdejn il-Bins tas-Separazzjoni ta' Skart**
Ġie nnotat li preżentement mhux qed ikun hemm skart ħdejn il-kontenituri tas-separazzjoni ta' l-iskart fi Triq il-Fanal.
**6. Rampa f'Wied Sara**
Din ir-rampa saret mill-kuntrattur tal-Kunsill għas-sodisfazzjon tal-bdiewa li jużaw l-egħlieqi tal-viċin.
**7. Bini ta' Ħajt fi Triq il-Knisja**
Dan il-ħajt qed ikompli jinbena mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Din il-ġimgħa nġabilhom il-ġebel ħalli jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol.

**IV. Korrispondenza**

i. Applikazzjonijiet għal permess tal-bini fi Triq iż-Żebbuġ għal tiġdid tal-permess taċ-ċimiterju, Triq il-Knisja biex jinbnew żewġt idjar u Triq il-Maxrabija biex ikun issanzjonat il-bini ta' "swimming pool".
ii. Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex bagħat jinforma li kienet qed tissejjaħ laqgħa ta' l-istess kumitat għal nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010 fit-3.30p.m.
iii. Intbagħtet ittra biex il-Kunsill joffri għajnuna lil Nicole Azzopardi li hi minn Għawdex u li ntagħżlet biex tkun "backing vocal" fil-kompetizzjoni tal-Junior Eurosong. Il-Kunsill ma qabilx li tinħareġ xi kontribuzzjoni.

**V. Mozzjonijiet**
**1. Tiżjijn tat-Toroq – Milied 2010**
Is-Sindku qal li għal din is-sena wkoll il-Kunsill għandu jżejjen il-pjazza u anke Triq Dun Karm Caruana bid-dwal. Hu qal li l-aħjar li t-tiżjijn tal-Pjazza nagħtuh dehra aktar aħjar u differenti minn tas-soltu. Il-Kunsill l-aħjar li joħroġ kwotazzjonijiet u naraw x'l-aħjar dwal li jkunu adattati. Fl-istess waqt Triq Dun Karm Caruana tkun tista' tintrema mill-Kumitat tal-Festa tal-Parroċċa.
Għalhekk se jintalbu kwotazzjonijiet għat-tiżjijn tal-Pjazza filwaqt li tintbagħat ittra lill-Kappillan ta' din il-parroċċa biex naraw jekk il-Kumitat tal-Festa hux lest li jarma Triq Dun Karm Caruana.
L-armar irid ikun lest għall-użu mill-Kunċizzjoni sa wara l-Epifanija.
**2. Proċess għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**
Għall-aħħar ta' Marzu tas-sena li ġejja hu mistenni li s-Segretarju Eżekuttiv preżenti jkun qed jilħaq l-eta ta' l-irtirar mis-servizz pubbliku. Għalhekk il-Kunsill irid jibda jaħseb minn issa biex jinbeda l-proċess ħalli jinħatar Segretarju ġdid.
Is-Sindku fiehem li bis-sistema l-ġdida l-impjegat il-ġdid irid jintgħażel minn "pooling" li tkun lista ta' persuni li jixtiequ jidħlu f'dan l-impjieg. Għalhekk dan il-Kunsill irid jitlob din il-lista mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fl-istess waqt il-Kunsill jista' jitlob lis-Segretarji li diġa qed jokkupaw post simili biex naraw jekk hemmx xi ħadd li qed juri nteress fl-impjieg ma' dan il-Kunsill Lokali.
Ghalhekk għandha tintbagħat ittra lis-Sur Martin Bugelli ħalli tintbgħatilna l-lista ta' dawk li huma mniżżla fil-"pooling".

**VI Materji Ohra**
**1. Kostruzzjoni ta' Rampa**
Il-Kunsill aċċetta talba sabiex issir rampa għal ġo għalqa fi Triq il-Qadima. Il-materjal li se jintuża se jitferrex minn sid l-għalqa stess.
**2. "Patching" fi Triq il-Fanal**
Il-Kunsill qabel li peress illi fil-preżent Triq il-Fanal fiha diversi ħsarat fil-wiċċ, din it-triq għandha tissewwa mill-aktar fis possibbli.

**3. Proposta għal "Playing Field" fl-Għasri**

Is-Sur Joe Farrugia ressaq suġġeriment biex tinxtara għalqa mill-Kunsill ħalli tkun tista' tinbena "playing field" u wkoll "football ground". Hu qal li hu tkellem ma' sid l-għalqa u dan lest li jbiegħha. Din l-għalqa tinsab fil-bidu tat-triq prinċipali li twassal għall-Għasri.

Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u għalhekk għandu jsir riċerka ħalli naraw jekk fl-Għasri hawnx xi raba' aktar adattat għal dan l-iskop, iżda li jkun aktar f'post ċentrali.

**4. Trasport ta' l-Iskola mir-Rabat**

Is-Sur Joe Farrugia ippropona wkoll illi t-trasport ta' filgħaxija li jkun qed iwassal it-tfal mir-Rabat, jibda jgħaddi minn Triq Għammar minflok iniżżel it-tfal fil-pjazza u mbagħad jerġa joħroġ lejn l-Għarb mit-triq prinċipali. Hu qal li b'hekk ikunu qed jitwasslu t-tfal fil-viċin ta' djarhom u dan żgur ma jkun ta' l-ebda piż għal tat-trasport.

Is-Sindku fakkar li hu personalment kien għal diversi drabi pprova li t-trasport tat-tfal ta' l-iskola jibda jgħaddi minn Triq Għammar filgħaxija. Iżda s-sidien tal-karozzi tal-linja kienu talbu €12 kull darba li hu prezz esaġerat biex jgħaddu minn Għammar meta tqis li d-distanza kienet se tibqa' l-istess. F'dan il-każ kien indaħal ukoll il-Ministeru għal Għawdex fejn kien offrut sussidju fuq l-ispejjeż involuti. Iżda l-attitudini tas-sidien kienet turi li huma ma kienux iridu li jintroduċu din ir-rotta bħala waħda ġdida peress li talbu prezz għoli ħafna.

**5. Ħlasijiet mill-WSC**

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għada kemm għaddiet ħlas ta' €150 li hu dovut bħala pagament għal tiswija ta' trinek fit-toroq tul is-sena 2007.

**6. Ħlas lil-"CVC Communications"**

Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex bagħat jitlob il-ħlas ta' €233 bħala ammont dovut minn kull Kunsill Lokali f'Għawdex biex ikunu mħallsa l-ispejjeż sabiex il-kumpanija CVC setgħet titla Brussel biex tirraporta l-iffirmar tal-Protokol ta' Adeżjoni. Il-Kunsill iddeċieda li dan il-ħlas għandu jitħallas mill-fondi tal-Kumitat Reġjonali u mhux individwalment mill-Kunsill. Il-Kumitat Reġjonali għandu jkun informat b'din id-deċiżjoni ta' dan il-Kunsill.

**7. Ftehim mal-Green MT**

Il-Kunsill innota li fuq dan il-ftehim mal-Green MT fejn kienu miftehma diversi miżuri li għandhom jittieħdu minn din il-kumpanija ħalli jitħaddem aħjar il-programm tas-separazzjoni tal-iskart, fil-fatt għadu ma sar xejn.

Dan is-suġġett suppost għandu jitqajjem waqt il-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali.

**8. Segretarju Eżekuttiv għall-Kumitat Reġjonali**

Il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex bagħat jinforma li b'effett mis-27 ta' Settembru 2010 l-istess Kumitat se jkollu lis-Sur Ian Paul Bajada bħala Segretarju Eżekuttiv.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru 2010 fit-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________